# ĦOBŻ KAXXI KAXXI

## X'għandek bżonn

Slajs ħobż abjad
Slajs ħobż ismar
Karrotta żgħira
maħsula u mqaxxra
3 mgħaref irkotta
Mgħarfa ħalib
Werqa ħassa mqattgħa

*Chopping board*
Sikkina
Mħakka
Skutella żgħira
Mgħarfa
Furketta
Platt
Borża jew kaxxa tal-plastik

## X'għandek tagħmel

1. Poġġi l-ħobż fuq iċ-*chopping board* u aqta' barra l-ġnub. Poġġi l-ġnub fil-borża jew kaxxa tal-plastik.
2. Ħokk il-karrotti u itfa' ġo skutella żgħira.
3. Żid il-ħalib u l-irkotta mal-karrotti u għaffeġ kollox.
4. Poġġi s-slajs ħobż abjad fuq iċ-*chopping board* u dellek bit-taħlita. Għatti bis-slajs ħobż ismar u agħfas ftit.
5. Poġġi s-*sandwich* fuq platt.
6. Aqta' s-*sandwich* fi tlieta għat-tul u għall-wisgħa.
7. Aqleb kaxxa 2, 4, 6 u 8 (ara l-istampa) biex tagħmel disinn b'kaxxi ta' kulur differenti.
8. Dawwar is-*sandwich* bil-ħass imqatta'.
9. Ixwi l-qxur tal-ħobż u ħudhom waħedhom bħala *snack* iqarmeċ jew billhom f'xi dip.





# TADAM MIMLI BL-IRKOTTA

## X'għandek bżonn

Tadama kbira
4 mgħaref irkotta
2 mgħaref ħalib xkumat
2 mgħaref piżelli friski jew tal-friża
Mgħarfa ilma
Bżaru isfar mqatta' roti roti
Ftit weraq tan-nagħniegħ

2 karti tal-*kitchen roll*
*Chopping board*
Sikkina
2 skutelli
Mgħarfa
Furketta
Platt

## X'għandek tagħmel

1. Aħsel it-tadama u xxutaha b'karta tal-*kitchen roll*.
2. Aqsam it-tadama min-nofs u neħħilha ż-żerriegħa b'kuċċarina.
3. Poġġi l-piżelli ġo skutella. Żid mgħarfa ilma. Għatti b'karta tal-*kitchen roll*. Sajjar fil-*microwave* għal xi minuta.
4. Ġo skutella oħra għaffeġ l-irkotta mal-ħalib. Żid il-piżelli msajra. Ħawwad kollox sew.
5. Uża mgħarfa biex timla ż-żewġ nofsijiet tat-tadam bit-taħlita tal-irkotta u l-piżelli.
6. Illixxa ftit il-wiċċ u żejjen b'werqa nagħniegħa.
7. Poġġi t-tadam fuq platt u dawwarhom bir-roti tal-bżaru isfar.
8. Kompli żejjen bil-weraq tan-nagħniegħ.



